MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 326/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Russell Bugeja**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali u ghat-talba ta' l-istess Avukat Generali ghal korrezzjoni fir-rikors ta' appell minnu pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2007. Ghalkemm fl-udjenza tad-29 ta' Frar 2007 l-ewwel li intalbet kienet il-korrezzjoni msemmija u kien biss wara li d-difensur ta' l-appellat accenna ghall-eccezzjoni tan-nullita`, logikament ghandha tigi deciza l-ewwel l-eccezzjoni tal-nullita` li hi intrisikament marbuta mal-kliem uzati fit-talba fir-rikors ta' appell, kliem li l-Avukat Generali qed jitlob li jigu korretti.

**2.** L-appellat Bugeja kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bir-reati ta' (**I**) traffikar ta' kokajina, (**II**) b'pussess ta' l-imsemmija droga kokajina bi ksur tal-ligi; (**III**) b'pussess tad-droga erojina bi ksur tal-ligi, u (**IV**) b'pussess ta' droga specifikata u psikotropika bi ksur tal-ligi. Fl-udjenza ta' l-4 ta' Frar 2004 quddiem il-Qorti Inferjuri (ara fol. 53) gie mizjud l-aggravju (**V**) "talli kkommetta dawn ir-reati fi jew go distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola jew klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh".

**3.** B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Settembru 2007, dik il-qorti sabet lil Russell Bugeja hati skond l-ewwel (**I**) imputazzjoni bl-aggravju tad-distanza (**V**), hati wkoll skond it-tieni (**II**) imputazzjoni b'dan li din it tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda, hati skond it-tielet (**III**) imputazzjoni, izda mhux hati skond ir-raba' (**IV**) imputazzjoni; kwantu ghall-piena qalet u pprovdiet hekk: *"Dwar il-piena, il-Qorti qieset li dan il-kaz dam minhabba li ma setax jinbeda qabel jispiccaw proceduri ohrajn, li mill-provi jidher li sehh darba biss, li l-fedina penali tieghu minn dak in-nhar sa llum (kif aggornata) ma tidhirx li kellha xi zieda ta' reati godda, u li ghaddew aktar minn tmien snin minn meta twettaq ir-reat. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tapplika l-proviso li dahal fis-sehh bl-Att XVI tas-sena 2006 u qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' tliet mitt lita Maltija (Lm300)* [1] *liema multa tista' tithallas f'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat mil-lum. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut lura f'daqqa. Kull Lm5 mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija."* Dik il-qorti kkundannat ukoll lil hati ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal Lm26.13 [2] fir-rigward tad-dokument MM, izda mhux l-ispejjez fir-rigward tad-dokument MM1 stante li kienet qed tilliberah mir-raba' imputazzjoni. L-ewwel qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga "taht il-harsien" [recte: taht is-supervizjoni] tar-Registratur.

---

[1] Illum Ewro 698.81.
[2] Illum Ewro 60.86

**4.** L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza. Huwa qed ighid li l-ewwel qorti ma kellhiex tillibera lill-appellat mir-raba' imputazzjoni; u, apparti minn hekk, applikat hazin il-*proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101. Ghalhekk huwa talab ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati skond l-**I**, it-**II**, it-**III** u l-**V** akkuzi [recte: imputazzjonijiet] (il-hames imputazzjoni hija proprjament imputazzjoni ta' aggravju); thassarha fejn illiberat mir-**IV** akkuza [recte: imputazzjoni] kif ukoll fejn ikkundannat ghal piena pekunjarja u ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali u minflok *"issib lill-imputat Bugeja hati wkoll tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu senjatament li kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-AL22/1985 u l-Artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi ghar-reati kollha imputati lilu, inkluz il-hlas ta' l-ispejjez peritali relattivi ghad-dokument MM1."*

**5.** Id-difiza qed tirravviza n-nullita` tar-rikors ta' appell peress illi fil-parti hawn appena riprodotta b'karattri korsivi ir-referenza ghar-regolament 3(1) hija zbaljata, ghar-raguni li dan ir-regolament jitkellem dwar medicina ristretta u mhux medicina specifikata, mentri huwa r-regolament 5(1) li jitratta dwar medicina specifikata. In fatti il-korrezzjoni li qed jitlob l-Avukat Generali hija proprju li kull fejn hemm referenza ghar-regolament 3(1) dan jinbidel f'5(1). Jidher, in fatti, li ghalkemm fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva ir-referenza hija korretta – 5(1) – meta giet dattiloskritta s-sentenza ta' l-ewwel qorti u giet riprodotta (fil-bidu tas-sentenza) ic-citazzjoni, min iddatiloskriva flok 5(1) nizzel 3(1). Minkejja dan, fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata, u cioe` fil-parti li fiha l-ewwel qorti issemmi l-artikolu jew artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat jew reati skond ma jirrikjedi l-Artikolu 382 tal-Kap. 9, dik il-qorti ndikat korrettement ir-regolament 5(1) ta' l-A.L. 22/1985. Min irrediga r-rikors ta' l-appell, pero`, jidher li gie zvijat, u kemm fil-korp tar-rikors kif ukoll fit-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza – jew ahjar f'parti minn din it-talba – irrefera ghar-regolament 3(1).

**6.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti dana l-izball ma jwassal ghal ebda nullita` tar-rikors ta' appell, u dan anke li kieku ma saritx it-talba da parti ta' l-Avukat Generali ghall-korrezzjoni aktar 'l fuq imsemmija. Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tan-nullita` ta' att fil-kamp tal-procedura penali hija, bhala regola generali, ammissibbli biss fejn il-legislatur jikkomminaha, anke jekk indirettament, f'forma ta' terminu jew ta' htiega formali ohra li min-natura taghha stess ikun evidenti li hija essenzjali -- ez. l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tieni parti tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428; jew id-dikjarazzjoni mahlufa ghall-finijiet ta' l-Artikolu 422(1) tal-Kap. 9 -- jew fejn il-legislatur espressament isemmi n-nullita` jew sanzjoni ohra analoga -- ez. l-Artikoli 419(1) jew 597(4) tal-Kap. 9. Mill-bqija, u salv xi cirkostanza eccezzjonali, ghandhom jipprevalu l-massimi *interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat* u *benedicta est expositio quando res redimitur a destructione.* Issa, bhalma kull ma hemm verament bzonn fic-citazzjoni jew fir-rapport guramentat tal-ufficjal prosekutur, ghal dik li hi l-akkuza jew akkuzi migjuba kontra l-imputat, hu li jkun hemm imputazzjoni ta' fatti li <u>kjarament jipotizzaw reat jew reati partikolari</u> (bi jew minghajr cirkostanzi aggravanti skond il-kaz) <u>minghajr il-htiega li tigi ndikata d-disposizzjoni tal-ligi li tkun tikkontempla dak ir-reat jew dawk ir-reati</u>, hekk ukoll ghall-finijiet ta' l-Artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 ma hemmx ghalfejn li fit-talba tigi indikata d-disposizzjoni tal-ligi li tkun tikkontempla r-reat li l-appellant ikun qed jitlob li jigi liberat minnu jew, meta l-appell ikun tal-prosekuzzjoni, li tkun tikkontempla r-reat li tieghu l-Avukat Generali ikun qed jitlob li l-appellat jinstab hati tieghu. Dak li hu neccessarju hu li jkun hemm talba jew ghat-tahsir tas-sentenza, jew ghat-tibdil taghha, u f'din it-tieni ipotesi ghandu jigi indikat sew kif ikun qed jigi propost li s-sentenza tinbidel ossia tigi riformata jew varjata, fis-sens li ghandu jigi ndikat liema parti taghha ghandha tibqa' fis-sehh u liema parti ghandha tinbidel. Ir-rikors odjern jaghmel dan kollu. Li gara kien li min irredigih ghazel li jindika (ghalkemm ma kien hemm assolutament ebda bzonn ta' dan) anke d-disposizzjoni tal-ligi li kienet tikkontempla r-reat ipotizzat fir-raba' imputazzjoni, ta' liema reat l-appellant qed jitlob li l-

appellat jinstab hati, izda gie zvijat mill-izball kontenut fl-ewwel parti tas-sentenza. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hemm ebda nullita` fir-rikors ta' appell.

**7.** Isegwi neccessarjament li ma hemm xejn x'josta li tintlaqa' t-talba ghal korrezzjoni kif maghmula fl-ahhar udjenza.

**8.** Ghall-motivi premessi tiddisponi minn dawn iz-zewg pregudizzjali billi (1) tiddikjra li kif inhu redatt ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali ma hemm ebda nuqqas li jwassal ghad-dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-istess rikors ta' appell, u (2) tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali biex fir-rikors ta' appell kull fejn hemm referenza ghar-regolament 3(1) ta' l-A.L. 22/1985 din tinbidel biex tigi taqra regolament 5(1) ta' l-A.L. 22/1985. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------